**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 259/2023DC**

***Vincent Muscat (K.I. Numru 252562M)***

***vs***

***L-Avukat tal-Istat,***
***L-Avukat Ġenerali, u***
***Ir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali***

**Illum 11 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors tal-attur** ippreżentat fis-17 ta' Mejju, 2023 permezz ta' liema ppremetta:-

*Illi fl-għodwa tas-sitta (6) ta' Jannar 2022, fil-jum li kellu jibda' jiġi ċċelebrat il-ġuri tal-esponenti fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Muscat Vincent (Att t'akkuża nru 36/2013), 1-allura ko-akkużat Darren Debono ammetta 1-akkużi fil-konfront tiegħu dwar serq aggravat u ġie kkundannat għal terminu ta' priġunerija.*

*Illi mmedjatament wara li ngħatat is-sentenza u qabel ma beda 1-ġuri tal-esponenti, l-Avukat Ġenerali għamel talba sabiex jinkludi fil-lista tax-xhieda lil allura sentenzjat Darren Debono u dan meta s-sentenza fil-konfront tiegħu kien għadha lanqas biss għaddiet in ġudikat.*

*Illi 1-esponenti oġġezzjona bil-qawwa għal din it-talba u 1-Qorti Kriminali preseduta mill-lmħallef Giovanni Grixti kienet ordnat li qabel tiddeċiedi dwar 1-*

*istess, l-atti kellhom jiġu rimessi quddiem il-Maġistrat Monica Vella sabiex tisma' lix-xhud Darren Debono.*

*Illi ġara iżda illi l-istess xhud iddikjara kif appena suppost kellu jibda jixhed, illi huwa ma kienx dispost li jgħid is-sewwa kollu u għaldaqstant il-Qorti ordnat li jittieħdu proċeduri kontrih ai termini tal-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali u talli bħala xhud ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-Qorti; kif ukoll talli irrenda ruħu riċediv u sussegwentement ġie misjub ħati mill-Maġistrat Victor Axiaq u kkkundannat piena karċerarja liema kundanna ġiet konfermata fl-appell b' temperament żgħir fil-piena.*

*Illi sussegwentement saret seduta oħra quddiem l-Imħallef Giovanni Grixti sabiex isiru sottomissjonijiet dwar is-sitwazzjoni u dwar it-talba oriġinali tal-prosekuzzjoni illi jinkludu bħala xhud fil-ġuri tal-esponenti lil Darren Debono illi issa kien nstab ħati u kkundannat piena karċerarja talli kien irrifjuta li jixhed u kien irrifjuta li josserva u jirrispetta l-elementi kollha tal-ġurament inkluż dak li jgħid is-sewwa kollu.*

*Illi l-esponent għal darba oħra oġġezzjona u ppreżenta nota fejn straħ konsiderevolment fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali per Imħallef Aaron Bugeja bħala r-raġuni ewlenija għal tali oġġezzjoni. Argumenta fid-dettal illi persuna ma tistax tkun xhud jekk ma tieħux il-ġurament jew tagħmel dikjarazzjoni solenni, u illi wkoll huwa inutli illi persuna tiġi amministrata l-ġurament jekk fin-nifs ta' wara hija stess tiddikjara li ma kienetx lesta li tgħid is-sewwa kollu u allura toqgħod ma dak li jirrikjedi l-ġurament u illi dan għandu jitqies daqs li kieku dik il-persuna qatt ma kellha intenzjoni u għandha titqies daqs li kieku qatt ma ħadet il-ġurament.*

*Illi fil-frattemp inbidel l-Imħallef sedenti u l-kawża ġiet assenjata lil Imħallef Edwina Grima. Illi minnufih nhar l-14 t'April tas-sena 2023, il-Qorti Kriminali semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri dwar l-inklużjoni o meno ta' Darren Debono fil-lista tax-xhieda tal-ġuri tal-esponent u l-esponent għal darba oħra joġġezzjona bil-qawwa u għal darba oħra jorbot is-sottomissijonijiet u l-posizzjoni tiegħu fermement ma' dak deċiż mill-Imħallef Aaron Bugeja.*

*Illi minkejja l-kumplessita' tal-punti legali sollevati, fi spazju ta' tnax-il ġurnata, fis-26 t' April 2023, il-Qorti Kriminali tat digriet fejn filwaqt li mhux talli injorat kompletament u naqset li tevalwa is-sottomissjonijiet tal-esponent iżda talli immisinterpretat, immiskwotat u saħanistra attribwit lil esponent sottomissjonijiet imaġinarji u fittizji li huwa qatt m'għamel sabiex waslet għad-deċiżjoni li terga' tibgħat l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati biex għal darba oħra terga' tisma' lix-xhud Darren Debono.*

*Illi l-esponent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għas-smigħ xieraq kif sanċit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 ta' Konvenzjoni Ewropea meta l-Imħallef Edwina Grima mhux talli injorat kompletament u naqset li tevalwa is-sottomissjonijiet tal-esponent iżda talli immisinterpretat, immiskwotat u saħanistra attribwit lil esponent sottomissjonijiet imaġinarji u fittizji li huwa qatt m'għamel inter alia fl-istanzi segwenti, meta l-Qorti fid-digriet tagħha qalet hekk:*

*'Illi fil-fehma tal-Qorti, d-difiża qed tibbaża 1-oġġezzjoni tagħha fuq premessi żbaljati. Dan għaliex, kuntrarjanlent għal dak li targumenta d-difiża, ix-xhud Daren Debono ma kienx mixli u misjub ħati tar-reat mfassal fl-artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè dak tal-ispergur, iżda tar-reat maħsub fl-artikolu 522 u ċioè tar-rifiut minn naħa tax-xhud li jiddeponi. '*

*Illi hawnhekk il-Qorti mhux biss hija kompletament skorretta iżda stante li dak dikjarat mill-Qorti huwa kompletament fittizju u mmaġinarju stante li d-difiża tal-esponent QATT fis-sottomissjonijiet tagħha ma ddikjarat li Darren Debono kien ġie mixli bi spergur u dan juri wkoll kif dawn is-sottomissjonijiet ivvintati mil-Qorti mhux biss jiksru id-dritt fundamentali tal-akkużat għal smigħ xieraq jekk mhux ukoll jissoġġettawh għal trattament inuman u degredanti billi l-Qorti mhux talli lanqas biss ikkalkulatu talli saħansitra deherilha li kellha xi dritt tatribwilu sottomissjonijiet li hu qatt m' għamel.*

*U illi sabiex juri kemm il-Qorti kienet fattwalment żbaljata, l-esponent se jikkwota testwalment mis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-istess Qorti:*

*'… …is-Sur Debono kien akkużat b'xi ħaġa li tmur kontra t-talba tal-prosekuzzjoni. II-prosekuzzjoni x'qed titlob.? Li jkun ammess bħala xhud. Issa hu biex kien akkużat? Ħa nikkwota. "talli bħala xhud, ma riedx jaħlef jew jixhed", mela qed tipprospetta xhud li meta ġie prodott bħala xhud ma riedx jaħlef jew jixhed'.*

*'… …Mela dak kien l-ewwel punt. Dan ġie akkużat talli bħala xhud ma riedx jaħlef jew jixhed, issa jiena ma nistax nifhem kif din il-Qorti tista' x'taċċetta bħala xhud xi ħadd li ma riedx jaħlef jew jixhed.'*

*'… …għandna ċertifikat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li din l-akkuża, ħa nikkwota, mhux qed tivvinta d-difiża, x'qed tgħid l-akkuża - bħala xhud, ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-Qorti. Din hi l-akkuża li nstab ħati tagħha'.*

*'… …Jiena għandi bniedem li apparti li kien diġa interdettat, hawnhekk instab ħati tal-akkuża li ma jridx jixhed . . . '*

*'… …l-Avukat Ġenerali irid jinkludi bħala xhud lil xi ħadd li ma riedx jaħlef jew jixhed? U li nstab ħati? U ġie mwaħħal il-ħabs, ġie kkundannat priġunerija. Jiġifieri I-Avukat Ġenerali ta' Malta, lil dan irid jinkludi b]ala xhud li qed jirrifjuta li jixhed jew jaħlef?'*

*'… …hu stess irrenda ruħu inammissibli bid-dikjarazzjonijiet tiegħu, jiena kif qed ngħid bid-dikjarazzjonijiet tiegħu biss ukoll irrenda ruħu inammissibli aħseb u ara b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn ġie kkundannat ħabs, għaliex propju ma riedx jaħlef jew jixhed'.*

*Filwaqt li l-esponent jirrispetta pjanament id-deċiżjonijiet tal-Qrati u r-raġunamenti u l-insenjamenti tal-istess, umilment iħoss illi huwa inaċċettabbli u bi ksur tad-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq li hu jgħid xi ħaġa u l-Qorti tgħid li qal xi ħaġa kompletament differenti. Illi huwa inaċċettabbli li filwaqt li l-esponenti*

*jgħid li Darren Debono nstab ħati li ma riedx jaħlef jew jixhed, mill-banda l'oħra tgħid li fid-digriet tagħha li l-esponent kien żbaljat meta qal li Darren Debono kien akkużat u nstab ħati ta' ġurament falz.*

*Illi in Oltre l-esponent diffiċilment seta' jkun żbaljat fis-sottomissjonijiet tiegħu stante li parti kbira tal-stess sottomissjonijiet kienu bbażati u marbuta mas-sentenza tal-Imħallef Aaron Bugeja tas-27 t' Ottubru, 2022, li addirittura minnha kwota siltiet estensivi.*

*Illi in Oltre f'istanza oħra, I-Qorti Kriminali terġa' b'mod żbaljat tgħid illi:*
*'fuq kollox lanqas ma huwa minnu illi x-xhud kien misjub ħati ta' sperġur fis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fis-27 t'Ottubru tas-sena 2022 iżda tar-reat maħsub fl-artikolu tal-Kodiċi Kriminali'*

*Dan meta kif ġie spjegat ampjament supra, l-esponent qatt ma qal li Darren Debono kien misjub ħati ta' sperġur fis-sentenza tal-Imħallef Aaron Bugeja anzi diversi drabi u ripetutament issottometta illi kien nstab ħati mhux ta' sperġur iżda tar-reat taħt l-artikolu 522 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Illi dan l-aġir tal-Qorti jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq Oltre trattament jew piena degradanti jew inumana.*

*Illi imbagħad, dwar l-assenjazzjoni tal-kawża fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat, lil Imħallef Edwina Grima, l-esponent jilmenta li hawn ukoll sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu u jibda' biex jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija riċentement nhar il-ll ta' Mejju tas-sena 2023 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Yorgen Fenech vs Avukat Ġenerali u Avukat tal-lstat fejn inter alia l-istess Qorti issottolineat is-segwenti:*

> *'Paġna 9, para.24 'Rajna illi l-liġi ma tagħti ebda rwol jew setgħa, la lill-Avukat Ġenerali u lanqas, meta l-Prim Imħallef jkun għamel rakkomandazzjoni dwar surroga, lill-Ministru tal-Ġustizzja, fl-għażla tal-lmħallef li jiġi surrogat'.*

*Illi in oltre ulterjorment, l-esponent jagħmel referenza a fol 2410 tal-atti proċesswali fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat fejn fl-istadju tal-assenjazzjoni tal-atti tal-istess kawża lil Imħallef Edwina Grima jirriżulta illi tali assenzjazzjoni saret bil-mod segwenti:*

> *'approved and signed as advised by the Minister for justice and Governance in minute above.''*

*Taħt il-firma tal-President u bid-data 24/02/2023, liema minuta issegwi ir-rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja li ġġib id-data tal-21/12/2023.*

*Illi bid-dovut rispett, din il-proċedura adoperata biex l-Imħallef Edwina Grima ġiet assenjata dan il-każ mhux biss hija skorretta, invalida, mhux skond il-liġi, ta' preġudizzju għal esponent kif ukoll bi ksur tal-artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni, oltre bi ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 1-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, Oltre bi ksur tal-prinċipju*

*tas-separazzjoni tal-poteri u l-indipendenza tal-ġudikatura stante li l-Ministru tal-Ġustizzja qatt ma kellu jkun involut f'dan il-proċess, multo magis qatt ma kellu l-President tar-Repubblika jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi fl-ewwel lok, dwar kif issir is-surroga 1-art. 11(4) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Procedura Ċivili jgħid hekk:*

> *11(4) Kull meta xi mħallef, ħlief il-Prim Imħallef, ikun rikużat jew xort'oħra legalment impedut, il-Prim Imħallef għandu jassenja imħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża.*

*Illi imbagħad 1-Artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni jgħid hekk:*

> *101A(13) Is-setgħat tal-President taħt kull liġi dwar is-surroga tal-imħallfin u l-maġistrati u dwar it-tqassim ta' dmirijiet tal-lmħallfin u l-Maġistrati għandhom ikunu eżerċitati fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imħallef*

*Għaldaqstant huwa ċar illi skond il-Kap 12 u 1-Kostituzzjoni ta' Malta, il-proċedura korretta kellha tkun illi 1-Prim Imħallef jirrakomanda u 1-President jinnomina abbażi ta' dik ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imħallef*[1]*.*

*Illi f'dan ix-xenarju prospettat fejn il-Prim Imħallef jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu, il-liġi mkien ma tipprospetta l-intervent tal-Ministru tal-Ġustizzja jew xi ministru ieħor. Issa fil-każ odjern li ġara kien illi filwaqt li 1-Prim Imħallef mexa korrettement skond il-proċedura u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu, għal xi raġuni jew oħra 1-atti ntbgħatu lil Ministru tal-Ġustizzja bi ksur tal-liġi, liema Ministru tal-Ġustizzja għamel rakkomandazzjoni tiegħu imbagħad il-President bl-iktar mod żbaljat u skorrett iddikjara espressament bil-miktub illi huwa kien qiegħed joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja meta l-Kostituzzjoni tobbligah li joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imħallef filwaqt li teskludi l-intervent tal-ministru f'ċirkostanzi bħal dawn odjerni.*

*Illi l-esponenti jirrileva illi dan 1-aggravju huwa materja ta' ordni pubbliku. Illi kjarament il-proċedura adoperata hija bi ksur tal-Kostituzzjoni nfisha fl-artikolu 101A(13) u illi tali ksur ulterjorment jimporta ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 1-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi f'dan il-kuntest 1-esponent ma jistax ma jirrilevax illi filwaqt li meta 1-atti ġew assenjati lil Imħallef Neville Camilleri huwa minnufih astjena peress li fil-qadi taddoveri preċedenti tiegħu bħala inkwirenti kien ġie a konoxxjenza ta' ċerti fatti relatati mal-każ, wieħed ma jistax ma jinnutax kif l-Imħallef Edwina Grima m'għamlitx l-istess meta mhux biss diġa presediet fuq ġuri tal-esponent, mhux biss presediet fuq il-kumpilazzjoni tal-każ de quo iżda talli fl-istess kumpilazzjoni kien hemm dak iż-żmien bħala ko-akkużat 1-istess individwu Darren Debono illi dwaru qed issir il-kontestazzjoni dwar jekk għandhux ikun xhud jew le.*

[1] *Illi id-decizjoni u l-insenjamenti fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali deciza fid-19 ta' Settembru 2001 ma tapplikaz ghal kaz odjern stante li l-artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni gie emendat ricentement permezz tal-att nru XLV tal-2020.*

*Illi appuntu peress illi li l-Liġi Maltija ma tagħti ebda rimedju effettiv u spedit minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant sedenti u peress li l-esponent jemmen li l-artiklu 738(1) u l-artiklu 740 tal-Kap 12 huma leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti tas*
*#sew imparzjali u indipendenti kif ukoll sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem.*

*Illi appuntu peress li l-liġi Maltija ma tagħti ebda rimedju effettiv u spedit minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant sedenti u peress li l-esponent jemmen li l-artiklu 446 tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti tassew imparzjali u indipendenti kif ukoll sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem.*

U wara li hekk ippremetta, l-attur talab lil din il-Qorti:-

*1. Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti meta ġie espost għal trattament jew piena degradanti jew inumana hekk kif provdut fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement;*

*3. Takkorda rimedji effettivi u tagħti dawk l-ordnijiet u provedimenti xierqa u neċessarji sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet inerenti u kostituzzjonali tal-esponent kif hawn fuq indikat.*

*4. Tagħti kumpens xieraq għad-danni morali sofferti mir-rikorrent.*

*5. Tiddikjara illi l-Artikoli 738(1) u 740 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq li l-esponent għandu jgawdi u għandu frott il-Kostituzzjoni ta' Malta (Art. 39) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Art. 6) għax jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria.*

*6. Tiddikjara illi l-Artikolu 446 tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq li l-esponent għandu jgawdi u għandu frott il-Kostituzzjoni (Art 39) u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem (Art 6) għax jiddemolixxi, jeqred u j farrak l-aforiżżma "nemo iudex in causa propria".*

*Bl-ispejjeż.*

Rat **ir-risposta tal-konvenuti l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali** ppreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2023[2] permezz ta' liema eċċepixxew:-

*1. Illi in linea preliminari, in kwantu qiegħda tiġi attakkata l-assenjazzjoni tal-kawża kriminali fil-konfront tar-rikorenti lill-Onorabbli Imħallef Dr Edwina Grima, l-esponenti jeċepixxu li d-deċiżjoni tal-President tar-Repubblika hija insindikabbli mill-Qrati. A tenur tal-Aritkolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, 'Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekkikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir magħandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.' Ġialadarba jirriżulta l-President tar-Repubblika għandu s-setgħa fuq is-surroga tal-Imħallfin u l-Maġistrati u li jaġixxi fuq rakkomdanzzjoni tal-Prim'Imħallef, konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara tali deċiżjoni bħala insidikabbli u konsegwentement tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu din tirrigwarda l-ilment dwar l-assenjazzjoni tal-kawża kriminali in kwistjoni;*

*2. Illi in linea preliminari, in kwantu l-proċeduri kriminali in konfront tar-rikorrent għadhom pendenti, l-esponenti jeċċepixxu formalment l-intempestività ta' din l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrileva illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrent ġarrbux ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti b'dan l-artikolu, irid jiġi eżaminat il-proċess kriminali kollu fit-totalità tiegħu. Illum dak il-proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ tiegħu kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq;*

*3. Illi bla ħsara għas-suespost u wkoll preliminarjament, jekk jirriżulta li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji mogħtija lilha bil-liġi, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti mressqa. Dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

*5. Illi kif ġie stabbilit b'mod kostanti fil-ġurisprudenza kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja, biex tinsab leżjoni tas-smiegh xieraq kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu. Bħala regola, sabiex jkun jista' jigi apprezzat jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru iżda irid iħares u jeżamina jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri jkunux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza;*

*6. Illi bla ħsara għas-suespost, sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstemgħa minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-*

[2] Fol 10

*Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi. Għaldaqstant, jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ gust. Fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali inżammu u ser jitkomplu jinżammu minn Qorti indipendeni u imparzjali, ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, is-smigħ qiegħed isir fil-presenza tar-rikorrent, kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrent ngħata l-opportunita` kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u se jkompli jingħata d-dritt li jiddefendi l-każ, u r-rikorrent ingħata u ser ikompli jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Ir-rikorrent waqt il-ġuri se jkollu kull opportunita` li tippermetti l-ligi sabiex jiddefendi l-każ tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;*

*7. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħed jiġi allegat li d-digriet tas-26 ta' April, 2023 kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, din hija wkoll infondata. Il-Qorti Kriminali wara rikors tal-Avukat Ġenerali , rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali u mid-Difiża u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u wara kunsiderazzjonijiet dettaljati, l-Onorabbli Qorti Kriminali ordnat li fit-termini tad-digriet tas-6 ta' Jannar, 2022 u bis-saħħa tal-Artikolu 406 tal-Kodiċi Kriminali, l-atti jintbagħtu lil Qorti Istuttorja sabiex tinstema' x-xhieda tax-xhud Darren Debono, fejn l-Avukat Ġenerali għandu jara li dan ix-xhud jingħata il-protezzjoni kollha li tista' tiqies neċessarja u dan bl-assistenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;*

*8. Illi bla ħsara għas-suespost, li parti ma taqbilx ma' digriet ta' Qorti ma jfissirx li jkun ġie leż id-dritt fundamentali ta' dik il-parti; Ir-rikorrent jgħid li fid-digriet tas-26 ta' April, 2023, 'il-Qorti Kriminali tat digriet fejn filwaqt li mhux talli injorat kompletament u naqset li tevalwa is-sottomissjonijiet tal-esponent izda talli immisinterpretat, immiskwotat u saħanistra attribwit lil esponent sottomissjonijiet imaginarji u fittizji li huwa qatt m'għamel sabiex waslet għad-deċizjoni li terga' tibghat l-atti lura lil Qorti tal-Magistrati biex għal darba oħra terga' tisma lix-xhud Darren Debono.' Din hija manifestament infondata. F'kull każ, dan ma jwassalx għal leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;*

*9. Illi bla ħsara għas-suespost, is-sottomissjonijet tal-partijiet u għalhekk inkluż is-sottomissjonijiet tad-difiża ġew lkoll kkunsidrati mill-Qorti Kriminali biex waslet għad-digriet tagħha. Darren Debono huwa a tenur tal-liġi xhud ammissibbli u għalhekk ġustament l-Onorabbli Qorti Kriminali ordnat li l-atti jintbgħatu lil Qorti Istruttorja sabiex tinstema' x-xhieda tax-xhud Darren Debono;*

*10. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment dwar l-assenjazzjoni tal-kawża fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat' lil Imħallef Edwina Grima, l-esponent iwieġeb li din hija wkoll infondata. In kwantu r-rikorrent jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzzjonali fl-ismijiet 'Yorgen*

*Fenech vs Avukat Generali u Avukat tal-Istat'*[3] *, l-esponent jissottolinea li ma kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u ċaħdet l-appell tar-rikorrent. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qieset li 'Billi għalhekk l-għażla tal-imħallef surrogat saret biss mill-Prim Imħallef u minn ħadd aktar, u xejn aktar ma kellu effett jew influwenza fuq dik l-għażla, ma hemm ebda raġuni li oġġettivament toħloq xi dubju dwar l-imparzjalità tal-qorti li quddiemha qegħdin jitmexxew il-proċeduri kontra l-attur appellant.' ;*

*11. Illi bla ħsara għas-suespost, it-tqassim u l-assenjazzjoni tal-kawżi huwa regolat bl-artikolu 11(4) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċeduri Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta li jistipula: "Kull meta xi mħallef, ħlief il-Prim Imħallef, ikun rikużat jew xort'oħra legalment impedut, il-Prim Imħallef għandu jassenja mħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża". Fil-każ odjern, l-Onorevoli Prim Imħallef Mark Chetcuti rrakommanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta li jinnomina lill-Onor. Imħallef Edwina Grima biex tieħu konjizzjoni tal-kawża kriminali minflok l-Onorabbli Imħallef Neville Camilleri. Kif ser jigi ippruvat u spjegat aħjar waqt is-smiegh ta` din il-kawza, l-Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Gustizzja u Governanza bl-ebda mod ma kienu involuti f`dan il-proċċess tan-nomina tal-Imhallef Edwina Grima sabiex tippresjedi il-kawża in dizamina. Il-President ta` Malta innomina lill-Imhallef Edwina Grima unikament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim Imhallef. Għalhekk certament din il-lanjanza tar-rikorrent hija ibbazata fuq premessa ta` fatt kompletament żbaljata. Il-President tar-Repubblika straħ fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim'Imħallef u dan a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Għaldaqstant, ma hemmx ksur tal-Artikolu 101A(13) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas tal-Artkolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-assenjazzjoni tal-kawża u għalhekk l-għażla tal-Imħallef saret biss mill-Prim'Imħallef u approvata mill-President tar-Repubblika u minn ħadd aktar;*

*12. Illi apparti hekk, waqt is-seduta tad-29 ta` Marzu 2023 l-Imhallef Edwina Grima gibdet l-attenzjoni tal-partijiet, inkluz ovvjament lir-rikorrent li kien assistit minn zewg avukati, li hi kienet il-Magistrat li ippresjediet il-Qorti tal-Magistrati (Bħala Qorti Istruttorja) fil-kumpilazzjoni u ġiet ivverbalizzat mill-partijiet li ma hemm l-ebda bazi fil-liġi li tista twasslhom jitolbu ir-rikuża tal-imħallef sedenti. Jekk ir-rikorrent kellu xi problema bin-nomina tal-Imħallef Grima, seta` faċilment iqajjimha dakinhar iżda mhux talli m`għamilx hekk iżda iddikjara li m`hemmx raġunjiet fil-ligi biex jitlob ir-rikuża tagħha;*

*13. Illi bla ħsara għas-suespost, il-Qorti Kriminali bħal kull Qorti/Tribunal indipendenti u mparzjali hija obbligata li tisma' lill-partijiet, tevalwa u tapprezza x-xhieda u l-provi miġjuba sabiex finalment tagħti ġudizzju. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv li b'xi mod jista' jew seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrent għal proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza fuq min għandu jiġġudika. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ma jallegax li l-Onorabbli Imħallef Edwina Grima mhijiex indipendenti u mparzjali għax dan ma huwiex il-każ, lanqas ma huwa l-każ li ma hemmx separazzjoni ta' poteri u indipendenza. Għalhekk l-ilment tar-rikorrent ifalli minn kull aspett;*

[3] Deċiża fil-11 ta' Mejju, 2023 (Appell 565/2021/1)

*14. Illi bla ħsara għas-suespost, l-artikolu 733 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni biss fil-każijiet imsemmija fil-liġi. Fil-fehma tal-esponenti, l-analiżi li trid issir hija jekk dak li minnu qed jilmenta r-rikorrent jinkwadrax ruħu f'xi wieħed mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li wieħed iħares lejn tali artikolu jirriżulta biċ-ċar li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli fil-każ odjern, u dan stante li l-ilment tar-rikorrent ma' tinkwadra taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. L-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jipprovdi li "L-Imħallfin ma jistgħux jiġu rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqgħodu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqgħodu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara imsemmijin". Illi dawn l-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iridu jiġu nterpretati b'mod ristrettiv u mhux jiġu estiżi għall-ċirkostanzi li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*15. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti iwieġbu li din hija manifestament infondata. Dawn l-Artikoli huma inapplikabbli għal każ odjern, tant li r-rikorrent ma ġie assoġġettat għall-ebda piena jew trattament inuman jew degredanti.*

*16. Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

*17. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **ir-risposta tal-konvenut ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** ppreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2023[4] permezz ta' liema eċċepixxa:-

*1. Illi, in vena preliminari, f'din il-kawża jidher illi l-lanjanzi mqanqla mir-rikorrenti huma msejsa fuq l-assenjazzjoni tal-kawza kriminali fil-konfront tal-istess rikorrent lil l-Onorabbli Imħallef Dr Edwina Grima u jilmenta dwar ksur tad-dritt fundamentali tiegħu. Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti jissottometti illi d-deċiżjoni tal-President tar-Repubbliba hija waħda li ma tistax tigi eżaminata mill-Qrati u dan a tenur tal-artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn hu sottolineat s-segwenti:*

*'Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorità, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir magħandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.*

*Jirriżulta b'hekk li l-President tar-Repubblika għandu s-setgha li jaggixxi fuq is-surroga tal-Imħallfin u l-Maġistrati u li jaġixxi fuq din is-setgħa wara r-rakkomandazzjoni tal-Prim'Imhallef. Għal din ir-raġuni, u konsewgentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara tali deċiżjoni bħala waħda insidikabbli u*

[4] Fol 17

*tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu t-talba u l-ilment dwar l-assenjazzjoni tal-kawża kriminali mertu l-ilment odjern;*

*2. Illi, fit-tieni lok, primarjament, mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-lanjanza mqanqla mir-rikorrent in kwantu l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, l-esponent jissottometti 'lli l-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan in kwantu l-allegat lezjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. L-esponent jirrileva illi d-determinazzjoni ta' jekk r-rikorrent ġarrabx ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt l-artikolu surreferit fir-rikors promotur, l-eżami li jrid iseħħ f'dan ir-riġward huwa tal-proċess kriminali fit-totalita' tiegħu u mhux parti waħda. Dan l-istess proċess kriminali għadu qiegħed jiżvolġi u b'hekk ma jistax jsir l-eżercizzju tal-ezami sħiħ tiegħu kif finalment jirrikjedi għal-lanjanzi ta' allegat ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq;*

*3. Illi, fit-tielet lok, u dan minghajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti mqanqla mir-rikorrenti jekk jirriżulta li l-istess rikorrenti ma eġawriex fit-totalita' tagħhom r-rimedji ordinarji skond il-liġi;*

*4. Illi, fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-pretensjonijiet, allegazzjonijiet infondati u t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u dan stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt fit-totalita' tagħhom;*

*5. Illi, fil-ħames lok, u strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex tinstab lezjoni għad-dritt ta' smiegħ xieraq, u dan a tenur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea, huwa rikjest li l-proċess ġudizzjarju għandu jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu u konsegwentement, kif ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana u tal-Qrati Ewropeja, wieħed m'għandhux biss iħares lejn xi nuqqasijiet proċedurali, jekk ikun il-każ, iżda jrid ikun eżaminat jekk fin-nuqqasijiet tagħhom, il-proċedura tkunx jew le kondotta b'ġustizzja fis-sustanza u fl-apparenza;*

*6. Illi, fit-sitt lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdu li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa bil-liġi. Speċifikament umbagħad, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li tali smighħ għandu jkun b'mod pubbliku u jista' jsir quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jissottometti 'lli fil-proċeduri mertu għar-rikors promotur u risposta odjerna, ma sar xejn li b'xi mod jista' jincidi fuq dan id-dritt tar-rikorrent għal proċess ġust u indipendenti;*

*7. Illi, fir-seba' lok, mingħajr preġudizzju, l-esponenti jissottometti illi fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, mertu ta' liem qanqal din il-kwistjoni dwar il-lezjoni tad-dritt fundamentali tiegħu, ma hemm xejn xi juri li l-istess proċeduri qegħdin b'xi mod jikkawżaw xi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward jiġi sottomess li (i) il-proċeduri kollha qed jinżammu u qed jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali skond il-liġi; (ii) l-istess rikorrent għandu aċċess sħiħ għall-qorti; (iii) is-smigħ kollu kien u qiegħed jigi kondott fil-*

*preżenza tiegħu; (iv) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunita' kollha li jiddefendi l-każ tiegħu; (v) il-partijiet kollha ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ma kien hemm ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (vi) ir-rikorrent għandu l-fakulta' kollha u qiegħed jiġi ppatroċinat mill-avukati tal-fiduċja tiegħu; u finalment (vii) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xieraq għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda ksur għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*8. Illi, fit-tmien lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qiegħed jiġi allegat ukoll mir-rikorrenti li d-digriet tas-26 ta' April, 2023, kiser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal-smigħ xieraq. Fuq dan il-punt, l-esponenti jissottometti li din l-allegazzjoni hija waħda infondata hekk kif l-Onorabbli Qorti adderixxiet ruħha mad-disposizzjonijiet kollha tal-liġi u kull parti ngħatat l-opportunita' tagħha sabiex tagħmel rispettivament is-sottomissjonijiet tagħhom u b'hekk ma hemm l-ebda ksur tad-dritt għal-smigħ xieraq. L-Onorabbli Qorti, wara eżami dettaljat, kkunsidrat lil Darren Debono bħala xhud ammissibbli u għalhekk waslet għad-deċiżjoni ġusta tagħha. Illi parti jew oħra ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Qorti ma jistax jfisser li kien hemm xi lezzjoni ta' dritt fundamentali u b'hekk tali allegazzjoni hi totalment infondata;*

*9. Illi, fid-disa' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward għal-lanjanza mqanqla mir-rikorrenti dwar l-assenjazzjoni tal-kawża fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat' lil Imhallef Dr. Edwina Grima, l-esponenti jissottometti illi din hija nfondata fit-totalita' tagħha. Illi r-rikorrenti jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Yorgen Fenech vs Avukat Generali u l-Avukat tal-Istat, l-esponenti jissottolinea li fil-kawza surefferita ma kienx hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u l-istess Qorti ċaħdet l-appell tar-rikorrenti. L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qieset li "Billi għalhekk l-għażla tal-imħallef surrogat saret biss mill-Prim Imħallef u minn ħadd aktar, u xejn aktar ma kellu effett jew influwenza fuq dik l-għażla, ma hemm ebda raġuni li oġġettivament toħloq xi dubju dwar l-imparzjalita' tal-qorti li quddiemha qegħdin jitmexxew il-proċeduri kontra l-appellant";*

*10. Illi fl-għaxar lok, u minghajr preġudizzju għas-suespost, it-tqassim u l-assenjazzjoni tal-kawża huma regolati bl-artikolu 11(4) tal-Kapitoli 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola s-segwenti;*

*"Kull meta xi Imħallef, ħlief il-Prim Imħallef, ikun rikużat jew xorta'oħra legalment impedut, il-Prim Imħallef għandu jassenja mħallef ieħor biex jieħu konjizzjoni tal-kawża".*

*Fil-każ odjern, l-Onorevoli Prim'Imħallef rrakomanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta li jinnomina lill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima biex tieħu konjizzjoni tal-kawża kriminali minflokk l-Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri. Illi, kif ser jigi ppruvat fis-smigħ tal-każ odjern, la l-Ministru tal-Ġustizzja u Governanza u wisq anqas ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma kienu bl-ebda mod involuta f'dan il-proċess tan-nomina tal-Imħallef Dr. Edwina Grima sabiex tippresjedi fil-kawża in diżamina u l-involviment tagħhom, se mai, kien biss formalita' u qatt ma kienet ta' xi tip ta' influwenza jew impatt fuq id-deċiżjoni, u*

*ċioe', rakkomandazzjoni tal-Prim'Imħallef. Illi b'hekk, l-involviment tagħhom kien sempliċament formalita' amministrattiva li bl-ebda mod ma kienet ta' impatt fuq d-deċiżjoni tal-Prim'Imħallef u sussegwentement id-deċiżjoni tal-President ta' Malta. Għalhekk, ċertament, din il-lanjanza tar-rikorrenti hija bbażata fuq premessi ta' fatt kompletament żbaljat u nfondat. Illi, l-President ta' Malta straħ unikament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Prim'Imħallef u dan a tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 101A(13) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi b'hekk, ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 101A(13) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi, huwa carissimu li l-assenjazzjoni tal-kawża u l-għażla tal-Imħallef saret biss mill-Prim'Imħallef u approvata mill-President tar-Repubbilka ta' Malta u minn ħadd aktar. Illi, ulterjorment, l-involviment tal-Ministru tal-Ġustizzja u Governanza, kien biss fil-kapaċita' tiegħu fejn iffirma l-minuta u mhux fuq l-assenjazzjoni nnifisha, punt li jkompli jenfasizza l-fatt li tali involviment hu biss bħala formalita' u prassi milli b'xi mod ta' influwenza jew involviment fl-assenjazzjoni tal-kawża, li finalment ttieħdet mill-President tar-Repubblika a bażi tar-rakkomandazzjoni tal-Prim'Imħallef, kif se mai, titlob il-liġi;*

*11. Illi, fil-ħdax il-lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet, inkluż ir-rikorrenti, li hi kienet il-Maġistrat li ppresjediet il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti Istruttorja) fil-kumpilazzjoni u ġie debitament vverbalizzat mill-partijiet kollha li ma hemm ebda bażi fil-liġi li tista twassalhom jitolbu r-rikuża tal-Imħallef. Se mai, jekk ir-rikorrent kellu problema bin-nomina tal-Imħallef Dr Edwina Grima, seta' faċilment iqajjem din il-kwistjoni iżda, l-istess rikorrenti ddikjara li ma hemm l-ebda oġġezzjoni jew raġunijiet kif ikkontemplat fil-liġi biex jitlob ir-rikuża tal-Imħallef;*

*12. Illi, fit-tnax il-lok, u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva li ma sar xejn matul il-proċess li b'xi mod jista' jew seta' b'xi mod jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti għal-proċess ġust u wisq anqas b'xi mod xi tip ta' influwenza fuq min, se mai, għandu jiġġudika. Illi, r-rikorrent, fir-rikors promotur, fl-ebda mument ma' jallega li l-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima mhux b'xi mod indipendenti jew imparzjali, u dan, se mai, għax mhux il-każ. Illi, barra minn hekk, mhux il-każ lanqas li ma hemmx s-separazzjoni tal-poteri u indipendenza għax kif hu, b'mod ċarissimu l-każ in diżamina, id-deċiżjoni tal-assenjazzjoni tal-kawża sar mill-President ta' Malta wara ir-rakkomandazzjoni tal-Prim'Imħallef, kif titlob il-liġi u ħadd aktar, u għar-raġuni suesposta, l-ilment tar-rikorrenti għandu jkun miċħud fl-intier tiegħu;*

*13. Illi, in finis, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-artikolu 733 tal-Kaptiolu 12 tal-Liġġijiet ta' Malta jipprovdi li gudikant jista' biss jiġi rikużat jew jastjeni fiċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi. B'hekk, bir-rispett, fl-opinjoni tal-esponenti, l-eżami u analiżi li għandu jsir dwar l-ilment tar-rikorrenti għandu jkun dak kontemplat fil-Liġi u ċioe' mis-subartikolu (1) tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12. Illi jiġi sottomess mill-esponenti li ma hemm l-ebda raġuni valida, u dan a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il 'għaliex ir-rikorrenti għandu jqanqal b'xi mod jew ieħor l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu;*

*14. Illi, b'kull dovut rispett u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat vjolazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea hija waħda nfondata u b'hekk għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha. L-Esponent jissottometti li r-rikorrent ma ġie, fl-ebda mod, soġġett għal ebda piena jew trattament inumana jew degredanti u b'hekk għandha tiġi miċħuda it-talba tar-rikorrent fl-intier tagħha;*

*15. Illi, del resto, u mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorenti huma infondati mil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda kollha fl-intier tagħhom;*

*16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi fil-Liġi, jekk ikun il-każ.*

Rat **ir-risposta ulterjuri tal konvenut ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** prezentata nhar l-10 ta'Mejju 2024[5] permezz ta' liema eċċepixxa ulterjorment:

*1. Illi, wara t-talba tar-rikorrenti sabiex tizdied talba fir-rikors promotur fl-atti odjerni u wara li l-istess talba intlaqat minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-11 ta' April 2024, l-esponenti Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali**,** in ottemporanza mal-verbal tas-seduta ta' din l-Onorabbli Qorti tal- 11 ta' April 2024 qiegħed jintavola r-risposta addizzjonali tiegħu in kwantu ghat-talba addizzjonali tar-rikorrenti;*

*2. Illi, u dan strettament mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġja intavolati u mressqa, in kwantu għall-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Artikolu 738(1) u 740 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma leżivi tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq li l-esponent għandu jgawdi skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hekk kif dan "jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria", l-esponenti Reġistratur tal-Qrtai u Tribunal Kriminali jisħaqq li din hi għal kollox infondata u bla bażi;*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-prinċipju nemo iudex in causa propria jiggarantixxi illi l-ġudikant ma għandux jippresjedi f'kawża illi b'xi mod jista' jkollu interess fl-eżitu taghha. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti mhux jallegga illi l-Onorabbli Imħallef illi tippresjedi l-Qorti Kriminali għandha interess personali fl-ezitu tal-kawza tieghu u ghalhekk dak li qiegħed jigi allegat mir-rikorrenti in kwantu l-Artikolu 738(1) u 740 tal-Kap. 12 huma leżivi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ma jreggix;*

*4. Illi, u dan strettament mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-esponenti jagħmel referenza għall-insenjament tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali dwar l-Artikolu 738 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet **Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale LL.D. vs Avukat Generali** (Rik. Nru: 736/00) deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn inghad li 'Meta tinghata l-eccezzjoni ta' rikuza, skond il-liġi tagħna, l-imhallef li jiddeciedi dina l-eċċezzjoni ma jsirx parti, imma*

[5] Fol 40

*jibqa' l-unika arbitru jekk għandiex tintlaqa' dina l-eccezzjoni jew le. Il-Ligi tagħna minn żmien antik ħasbet biex ħolqot garanziji biex jissalvagwardjaw l-impartzjalita' tal-ġudikant u biex il-proċess ġudizzjarju jibqa pur. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-fatt li mħallef jieħu sehem fid-deċizjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tieghu ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalita' tiegħu.'*

*5. Illi, u dan minghajr pregudizzju, in kwantu ghal dak allegat mir-rikorrenti li l-Ligi Maltija ma taghti ebda rimejdu effettiv u spedit minn decizjoni ta' caħda ta' rikuza ta' ġudikant, b'kull dovut rispett, l-esponenti jsostni 'lli d-dritt għal smigh xieraq ma jfissirx li dejjem ikun hemm appell minn kwalunkwe deċizjoni jew digriet tal-Qorti. Madanakollu, l-proceduri odjerni huma fihom infushom rimedju effettiv ghar-rikorrenti u b'hekk dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrenti m'għandux mis-sewwa. In-nuqqas ta' appell minn deċizjoni dwar rikuża ma jfissirx awtomatikament li hemm lezjoni tad-drittijet funamentali tar-rikorrent, iżda, kif iddettat mill-proċedura, r-rikorrenti għandu l-opportunita' li jitlob għal referenza kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni, jew, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ, tinfetah kawza separata. B'hekk, ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba l-fatt li ma hemmx lok ghall-appell minn decizjoni dwar rikuza u dan stante ukoll ghal-fatt li hemm rimedji kostituzzjonali oħra li huma effettivament ekwiparenti għal rimedju effettiv meta l-istess individwu jkollu aċċess dirett għal dan ir-rimedju, u meta l-liġi ma tillimitax u ma tostakolax liċ-cittadin li jirrikorri għal dawn il-proċeduri b'mod irragonevoli.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat **ir-risposta ulterjuri tal-konvenuti l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat** ipprezentata fl-10 ta' Mejju 2024[6] permezz ta' liema eċċepew ulterjorment:

*1. Illi bla ħsara għall-eċċezzjonijiet ġia mressqa, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li l-Artikolu 738(1) u 740 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem 'għax jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria', l-esponenti jwieġbu li din hija infondata;*

*2. Illi bla ħsara għas-suespost, il-prinċipju ta' nemo iudex in causa propria jiggarantixxi illi l-ġudikant ma għandux jippresjedi kawża illi jkollu interess dirett jew indirett fl-eżitu tagħha. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma huwiex jallega illi l-Onorabbli Imħallef illi tippresjedi l-Qorti Kriminali għandha interess personali fl-eżitu tal-kawża tiegħu u għalhekk l-argument li l-Artikolu 738(1) u 740 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ma jreġġix;*

*3. Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti jagħmlu referenza għall-insenjament tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjoni dwar l-Artikolu 738 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet '**Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale LL.D vs Avukat Generali'**[7] fejn ingħad li 'Meta tingħata l-eċċezzjoni*

[6] Fol 42
[7] Rikors numru 736/00 deċiż fil-5 ta' Ottubru 2001

*ta' rikuża, skond il-liġi tagħna, l-imhallef li jiddċciedi dina l-eċċezzjoni ma jsirx parti, imma jibqa' l-uniku arbitru jekk għandiex tintlaqa' dina l-eċċezzjoni jew le. Il-liġi tagħna minn żmien antik ħasbet biex holqot garanziji biex jissalvagwardjaw l-imparzjalita' tal-gudikanti u biex il-process ġudizzjarju jibqa pur. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-fatt li mħallef jieħu sehem fid-deċizjoni dwar eccezzjoni ta' rikuza tieghu ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalita' tieghu.'*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħed jiġi allegat li l-liġi Maltija ma tagħti ebda rimedju effettiv u spedit minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża, l-esponenti jwieġbu li d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix li jkun hemm appell minn kwalunkwe deċiżjoni jew digriet ta' Qorti u fi kwalsiasi każ, il-kawża odjerna hija rimedju fiha nnifisha. Il-fatt li l-artikolu 738 tal-Kap 12 ma jagħtix lok għal appell ma jfissirx li awtomatikament hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta` rimedju effettiv. Meta persuna tinqeda bir-rimedju ordinarju kontemplat fl-artikolu 734 et seq tal-Kap 12 billi titlob ir-rikuza ta` Imhallef u l-Qorti ma` tilqax dik it-talba, il-pass li jmiss huwa li jew issir talba għal referenza kostituzzjonali dwar dik il-kwistjoni tar-rikuża jew tinfetah kawza ad hoc kif fil-fatt għamel ir-rikorrenti b`dawn il-proċeduri. M`hemm xejn ħażin jew irregolari fil-fatt li ma hemmx appell minn rifjut ta' talba għal rikuża, u dan bl-ebda mod ma jwassal għal leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Wara kollox, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, rimedju kostituzjonali huwa ekwiparat ma' rimedju effettiv meta l-individwu jkollu aċċess dirett għal dan ir-rimedju, u meta l-liġi ma tillimitax u ma tostakolax liċ-ċittadin li jirrikorri għal dawn il-prċceduri b'mod irraġonevoli – dwar dan ara D v. Ireland, deċiża fit-28 ta' Gunju 2006; Vukovic and others v. Serbia deċiża fil-25 ta' Marzu 2014; Horvat v. Croatia deċiża fis-26 ta' Lulju 2001 u Apostol v. Georgia deċiża fit-28 ta' Novembru 2006.*

Rat **it-tieni risposta ulterjuri tal-konvenuti l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat** ippreżentata fis-7 ta' Jannar 2025 permezz ta' liema eċċepew ulterjorment:

*1. Illi bla ħsara għall-eċċezzjonijiet u eċċezzjonjjiet ulterjuri ġia mressqa, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li l-Artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv id-dritt fondamentali għal smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu li din hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu ir-rikorrent jallega li l-Artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforiżma nemo iudex in causa propria, l-esponenti jwieġbu li dan ma huwiex il-każ. Fl-ewwel lok meta ġudikant jiddeċiedi eċċezzjoni tar-rikuża, ikun qiegħed biss jiddeċiedi dik l-eċċezzjoni fil-kuntest tar-raġunijiet li tipprovdi l-liġi sabiex tali talba tkun tista tintlaqa' u ċioe' a tenur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 446(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, dak il-ġudikant ma jsirx parti. Il-fatt li Imħallef jiddeċiedi eċċezzjoni ta' rikuża ma jnaqqas mill-indipendenza u imparzjalità tiegħu;*

> *3. Illi bla ħsara għas-suespost, skond l-Artikolu 499(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, appell jista' jsir quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fuq talba tal-Avukat Ġenerali jew tal-akkużat fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (ċ), (d) u (ġ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Stante li l-artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li t-talba għal rikuża ta' Imħallef tieħu s-sura ta' eċċezzjoni, isegwi li hemm dritt ta' appell minn deċiżjoni li tiċħad eċċezzjoni ta' rikuża u lanqas huwa l-każ li l-liġi ma tagħtix ebda rimedju effettiv;*
>
> *4. Illi bla ħsara għas-suespost, jirriżulta li waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu, 2023 fil-proċeduri in kwistjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali, l-Onorevoli Imhallef Dottor Edwina Grima ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet, inkluż tar-rikorrent li kien assistit minn żewg avukati, li hi kienet il-Maġistrat li ppresjediet il-Qorti tal-Magistrati (Bħala Qorti Istruttorja) fil-kumpilazzjoni u ġie ivverbalizzat mill-partijiet li 'ma hemm ebda bażi fil-ligi li tista twassalhom jitolbu ir-rikuza tal-imhallef sedenti.' Għalhekk kien f'dak l-istadju li jekk ir-rikorrent kellu oġġezzjoni dwar l-Imħallef li kienet qiegħda tippresjedi l-Qorti Kriminali, huwa kellu jqajjem dik l-oġġezzjoni.*
>
> *5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat **it-tieni risposta ulterjuri tal-konvenut ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** preżentata fit-23 ta' Diċembru 2024[8] permezz ta liema eċċepixxa ulterjorment li**:**

> *1. Illi, wara t-talba tar-rikorrenti sabiex tiżdied talba fir-rikors promotur fl-atti odjerni u wara li l-istess talba intlaqat minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2024, l-esponenti Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, in ottemporanza mal-verbal tas-seduta ta' din l-Onorabbli Qorti datat l-10 ta' Dicembru 2024, qiegħed jintavola r-risposta b'eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu in kwantu ghat-talbiet tar-rikorrenti;*
>
> *2. Illi, u dan strettament mingħajr ebda preġudizzju għall-eċċezzjonijiet gja intavolati u mressqa, l-esponenti konvenut Registratur għal darb'oħra jipprotesta kontra l-involviment tiegħu f'dawn il-proċeduri u jsostni li minħabba n-natura tat-talbiet tar-rikorrenti Muscat, l-konvenut Registratur mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Illi l-involviment tal-konvenut Reġistratur ma huwa xejn għajr wieħed amministrattiv, izda, nonostante dan, l-istess konvenut Registratur ġie rinfaccat b'dawn il-proċeduri b'mod infondat u żbaljat. Ghal din ir-raġuni, l-konvenut Registratur jsostni li ma huwiex l-leġittimu kontradittur għal-finijiet ta' dan l-allegat ksur fundamentali u konsegwentement għandu jiħi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *3. Illi, u mingħajr preġudizzju għall-eċċzzjonijiet gja intavolati, in kwantu għall-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali għal smigh xieraq li r-rikorrent għandu*

[8] Fol 115

*jgawdi skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem ghax dan "jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria", l-esponenti Registratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali jishaqq li din hi għal kollox infondata u bla bazi;*

*4. Illi, minghajr preġudizzju għas-suespost, il-prinċipju nemo iudex in causa propria jiggarantixxi illi l-gudikant ma ghandux jippresjedi f'kawża illi b'xi mod jista' jkollu interess fl-eżitu tagħha. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti mhux jallegga illi l-Onorabbli Imhallef illi tippresjedi l-Qorti Kriminali ghandha interess personali fl-ezitu tal-kawza tieghu u ghalhekk dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrenti ma jreggix;*

*5. Illi, in kwantu l-allegazzjoni li l-ligi Maltija ma taghti ebda rimedju effettiv u sġedit minn deċizjoni ta' caħda ta' rikuża ta' gudikant sedenti, u kif ukoll li l-Artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta allegatament huwa leżiv tad-dritt fondamentali għal smigh xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti, l-konvenut Registratur jsostni li dan huwa għal kollox infondat. Illi, r-rikorrenti jishaq li l-ligi Maltija ma taghti ebda rimedju effettiv u spedit minn decizjoni ta' caħda ta' rikuza ta' gudikant, izda, b'kull dovut rispett, l-konvenut jsostni 'lli d-dritt ghal smigħ xieraq ma jfissirx li dejjem ikun hemm appell minn kwalunkwe deċizjoni jew digriet tal-Qorti. Madanakollu, l-proceduri odjerni huma fihom infushom rimedju effettiv għar-rikorrenti u b'hekk dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrenti m'ghandux mis-sewwa. In-nuqqas ta' appell minn decizjoni dwar rikuża ma jfissirx awtomatikament li hemm lezjoni tad-drittijet funamentali tar-rikorrent, izda, kif iddettat mill-procedura, r-rikorrenti ghandu l-opportunita' li jitlob ghal referenza kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni, jew, kif fil-fatt gara f'dan il-kaz, tinfetah kawza separata. B'hekk, ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minhabba l-fatt li ma hemmx lok ghall-appell minn decizjoni dwar rikuża u dan stante ukoll ghal-fatt li hemm rimedji kostituzzjonali oħra li huma effettivament ekwiparenti ghal rimedju effettiv meta l-istess individwu jkollu access dirett ghal dan ir-rimedju, u meta l-ligi ma tillimitax u ma tostakolax lic-cittadin li jirrikorri ghal dawn il-proceduri b'mod irragonevoli. Illi r-rikorrenti ghandu access u qieghed jaghmel uzu huwa stess minn dawn ir-rimedji u b'hekk ma huwiex minnu li l-ligi Maltija ma taghti ebda rimedju effettiv minn decizjoni ta' caħda ta' rikuża u wisq anqas li l-Artikolu 466 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 'jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria' stante li l-istess Imħallef ma għandha l-ebda interess personali fl-eżitu tal-kawza u b'hekk r-rikorrent qiegħed jgawdi minn smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Rat id-degriet mgħoti fil-11 ta' April 2024[9] permezz ta' liema fil-waqt li l-attur ġie awtorizzat iżied lanjanza fil-premessi u talba fir-rikors promotur, il-konvenuti ngħataw il-fakolta li jippreżentaw risposta ulterjuri; huma fil-fatt prevalixxew ruħhom minn din il-fakolta u preżentaw risposta ulterjuri.

[9] Ref verbal tal-udjenza miżmuma dakinhar (fol 39)

Rat il-verbal tal-udjenza miżmuma nhar it-28 t'Ottubru 2024[10] meta l-attur iddikjara li *filwaqt li qed iżomm ferm it-talbiet tiegħu in kwantu jirreferu għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali naxxenti mill-fatt illi l-liġi ma tagħti l-ebda rimedju effettiv u spediet minn deċizjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant kif speċifikat fl-aħħar premessa tar-rikors promotur, qed iċedi l-bqija tal-lanjanzi.*

Rat id-degriet mgħoti waqt l-udjenza miżmuma fl-10 ta' Diċembru 2024[11] permezz ta liema intlaqgħet talba oħra tal-attur biex tiżdied lanjanza fil-premessi u talba fir-rikors promotur. Il-konvenuti reġgħu ngħataw d-dritt, li prevalixxew ruħhom minnu, li jippreżentaw risposta ulterjuri oħra.

Semgħet il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti[12].

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## **<u>IL-PROVI</u>**

Illi l-"unika" prova li nġiebet f'dawn il-proċeduri hija kopja elettronika tal-atti tal-proċeduri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat*, Att tal-Akkuża numru 36/2013/3.

Illi għal dak li jista' jkun relevanti għall-proċeduri odjerni u l-lanjanzi miżmuma fermi mill-attur, mill-atti imsemmija *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat* jirriżulta s-segwenti:

- Permezz ta' degriet mgħoti fis-6 ta' Jannar 2022, wara talba tal-Avukat Ġenerali biex jiżdied isem Darren Debono fil-lista ta' xhieda, il-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr Giovanni Grixti, filwaqt illi rriżervat li tipprovdi dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali, ordnat li ai termini tal-artikolu 406 tal-Kapitolu 9 l-atti jiġu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati

[10] Fol 92
[11] Fol 113
[12] Fol 56; jiġi rilevat li waqt l-udjenza miżmuma fil-25 ta' Ġunju 2024 (fol 54) immedjatament wara l-egħluq tal-provi tal-partijiet l-Avukat Dr Montalto għall-attur iddikjara li r-rikors promotur jinkludi ħafna mis-sosttomissjonijiet li jixtieq jagħmel l-attur għalhekk ma kellux sottomissjonijiet bil-miktub x' iżied

sabiex jinstema' dak ix-xhud u wara li 1-Qorti tal-Maġistrati tibgħat l-atti lura lil dik il-Qorti hija tiddisponi mit-talba tal-Avukat Ġenerali.[13]

- Peress li għal diversi raġunijiet dak rikjesta minnha f'dan id-degriet ma sarx, permezz ta'degriet ieħor, datat 7 ta' Frar 2022, il-Qorti Kriminali, reġgħet irrimandat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex jinstema' Darren Debono[14].
- Jidher li x-xhud Darren Debono ma ridx jixhed quddiem il-Qorti tal-Magistrati u għalhekk ittieħdu proċeduri kriminali kontra tieghu. Dawn, *Il-Pulizija vs Darren Debono,* ġew finalment deċiżi fis-27 ta' Ottubru 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali u Debono instab ħati *talli nhar is-17 ta' Frar 2022 għall-ħabta tas-2.30m waqt il-prosegwiment tal-kumpilazzjoni numru 690/2010/1 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Muscat f'awla nru 11, fl-edifiċċju tal-Qorti, Valletta quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella LLD bħala xhud, ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-Qorti*.[15]
- Il-kawża kontra l-attur (*Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat*) mbagħad kompliet billi saru sottomissjonijiet dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali biex jiżdied isem Darren Debono fil-lista ta' xhieda; qabel ma ngħata degriet pero il-proċeduri ġew assenjati lill-Onorevoli Imħallef Dr Neville Camilleri.
- Permezz ta' degriet datat 20 ta' Jannar 2023[16], u għar-raġunijiet hemm premessi, l-Onorevoli Imħallef Camilleri astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.
- B'degriet mgħoti fl-24 ta' Frar 2023[17] il-kawża ġiet assenjata lill-Onorevoli Imħallef Dr Edwina Grima.
- Il-kawża ġiet riappuntata għat-28 ta' Marzu 2023[18] u f'dik l-ewwel udjenza l-Qorti kif issa presjeduta *ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi hi kienet il-Maġistrat tal-istruttorja fil-kumpilazzjoni*. Il-partijiet pero iddikjaraw *illi ma hemm ebda bażi fil-liġi li tista' twassalhom biex jitolbu r-rikuża tal-imħallef sedenti*.[19] Il-kawża mbagħad ġiet differita ghas-sottomissjonijiet finali dwar ir-rikors tal-Avukat Ġenerali fuq imsemmi.
- Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet saru[20] u fis-26 ta' April 2023 ngħata d-degriet dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Frar 2022. In forza ta' dan id-degriet[21] l-atti intbagħtu lill-Qorti Struttorja biex jinstema' x-xhud Darren Debono.
- Fit-3 ta' Mejju 2023, meta l-atti kienu rinvjati quddiem l-Qorti tal-Maġistrati l-attur odjern Vincent Muscat preżenta rikors[22] permezz ta liema talab lill-Qorti tal-Maġistrati tibgħat l-atti lura lill-Qorti Kriminali sabiex quddiem dik

[13] Fol 121-122
[14] Fol 140-142
[15] Ref sentenza a fol 152
[16] Fol 163
[17] Fol 167
[18] Ref degriet a fol 168
[19] Ref verbal a fol 170
[20] Fis-seduta tal-14 t'April 2023; jiġi rilevat li l-partijiet kienu diġa għamlu sottomissjonijiet bil-miktub.
[21] Fol 173
[22] Fol 182

il-Qorti tintlab ir-rikuża tal-imħallef sedenti u r-revoka tad-degriet *contrario imperio* tad-degriet tas-26 ta' April 2023.

- L-atti ġew rinvajti u fit-28 ta' Ġunju 2023 l-attur preżenta r-rikors imsemmi[23]. Waqt l-udjenza miżmuma mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Novembru 2023[24] l-attur odjern Vincent Muscat talab lill-Qorti Kriminali biex ma tiddeċidiex ir-rikors tat-28 ta' Ġunju 2023 għaliex kien ser jitlob lil dik il-Qorti tagħmel referenza kostituzzjonali; dan għaliex fil-fehma tiegħu l-fatt li talba għal rikuża tiġi deċiża mill-istess ġudikant li tiegħu qed tintalab ir-rikuża jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Aktar minn hekk Muscat esprima l-fehma li din it-talba (għal referenza kostituzzjonali) li kien għadu ser jagħmel għandha tiġi deċiza minn ġudikant ieħor.
- Ir-rikors li bih l-attur talab ir-referenza kostituzzjonali ġie preżentat fis-6 ta' Diċembru 2023[25] u ġie deċiż permezz ta' degriet mgħoti fis-26 ta' Jannar 2024[26]; it-talba ġiet miċħuda u l-kawża ġiet differita biex jerġa jiġi trattat ir-rikors tal-attur tat-28 ta' Ġunju 2023 ċioe dak lil bih talab ir-rikuża tal-imħallef sedenti u r-revoka *contrario imperio* tad-degriet li permezz tiegħu l-Qorti Kriminali reġgħet irrinvjat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex jinstema Darren Debono.
- Fit-8 ta' Marzu 2024 meta kellu jiġi finalment trattat ir-rikors tat-28 ta' Ġunju 2023, l-attur informa lill-Qorti bit-talba tiegħu li saret fil-proċeduri odjerni għal żieda fil-lanjanzi kostituzzjonali u konsegwentement talab is-soprasessjoni ta' dawk il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna[27]. Permezz ta' degriet mgħoti fil-5 ta' April 2024[28] il-Qorti Kriminali laqgħet din it-talba u ordnat is-soprassessjoni.

Illi għalhekk minn eżami tal-atti tal-kawa fl-ismijiet *Ir-Repubbika ta' Malta vs Vincent Muscat* jirriżulta li saru talbiet li, bħala riżultat ta' talbiet oħra magħmula mill-attur, għadhom mhux deċiżi; dawn huma:

1. It-talba magħmula mill-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Jannar 2022 biex isem Darren Debono jiżdied fil-lista ta' xhieda[29]; u
2. It-talba magħmula mill-attur fit-28 ta' Ġunju 2023 għar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima u r-revoka ta' degriet mgħoti fis-26 ta' April 2023.

---

[23] Fol 188; jiġi rilevat li r-rikors promotur fil-proċeduri odjerni ġie preżentata fis-17 ta' Mejju 2023 u għalhekk qabel ma ġie preżentat ir-rikors quddiem il-Qorti Kriminali.
[24] Verbal a fol 210
[25] Fol 212
[26] Fol 229
[27] Ref verbal a fol 236
[28] Fol 244
[29] Bid-degriet tas-6 ta' Jannar 2022 il-Qorti Kriminali ordnat li l-atti jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati biex jinstema' Darren Debono u rriżervat li tipprovdi dwar it-talba tal-Avukat Ġenerali wara li tittieħed id-depożizzjoni ta' Debono; dan id-degriet ġie konfermat b'degriet ieħor mgħoti fis-26 ta' April 2023.

# KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

## PRELIMINARI

Illi tajjeb li qabel ma tinoltra ruħha bil-kunsiderazzjonijiet fir-rigward tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet fil-kwadru ta' fatti fuq sintetiżżati, jiġi rilevat li bħala riżultat ta' dak verbalizzat fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2024 u tad-degriet mgħoti fl-10 ta' Diċembru 2024, l-attur qed jibbaża t-talbiet tiegħu esklussivament fuq is-segwenti żewġ lanjanzi:

> ***1. Illi appuntu peress illi li l-Liġi Maltija ma tagħti ebda rimedju effettiv u spedit minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant sedenti u peress li l-esponent jemmen li l-artiklu 738(1) u l-artiklu 740 tal-Kap 12 huma leżivi tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti tassew imparzjali u indipendenti kif ukoll sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem.***
>
> ***2. Illi appuntu peress li l-liġi Maltija ma tagħti ebda rimedju effettiv u spedit minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant sedenti u peress li l-esponent jemmen li l-artiklu 446 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti tassew imparzjali u indipendenti kif ukoll sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem.***

Illi dan qed jingħad għaliex waqt l-udjenza miżmuma fit-28 ta' Ottubru 2024 l-attur ċeda l-lanjanzi kollha ħlif għal dik li tirriżulta mill-aħħar premessa fir-rikors promotur kif kien jaqra dakinhar; dik l-aħħar premessa imsemmija mill-attur hija dik hawn appena riprodotta bin-numru wieħed (1).

Illi mbagħad wara talba f'dan is-sens, bid-degriet tal-10 ta' Diċembru 2024, l-attur ġie awtorizzat iżied lanjanza oħra: dik hawn appena riprodotta bin-numru tnejn (2).

Illi għalhekk u tenut kont li l-attur ċedihom, l-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-lanjanzi l-oħra naxxenti mir-rikors promotur u ser tieħu in konsiderazzjoni biss dawn it-tieni hawn riprodotti. Għall-intendiment ċar il-lanjanzi l-oħra tal-attur, li huwa ċeda u li mhux ser jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti huma dawk li jirreferu għal mod kif il-Qorti Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' April 2023[30] u dawk li jirreferu għall-mod kif saret r-riassenjazzjoni tal-kawża lill-Onorevoli Imħallef Grima.

[30] Ċioe dik id-deċiżjoni li tagħha l-attur talab ir-revoka *contrario imperio.*

Illi dwar it-talbiet tal-attur jiġi rilevat li hu ma ċeda l-ebda waħda minnhom, anzi mal-erba' oriġinali żied tnejn oħra biex b'hekk it-talbiet li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni huma s-sitta riprodotti fil-parti inizjali ta' din is-sentenza.

Illi in konkluzjoni ta' din il-parti preliminari tajjeb li jiġi rilevat ukoll li fil-kors tas-sottomissjonijiet finali magħmula f'isem l-attur, ġie kjarifikat li t-talba għar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima fil-proċeduri kontra l-attur ma kenitx marbuta mal-fatt li fil-kariga preċedenti tagħha ta' Maġistrat hija kienet ippresjediet il-Qorti fl-istruttorja, imma t-talba saret in vista ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Imħallef u l-operat tagħha bħala ġudikant fil-proċeduri kontra l-attur. Qari tar-rikors relevanti fl-attur tal-kawża *Ir-repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat* pero juri li t-talba għar-rikuża tal-Imħallef Grima kienet bażata fuq żewġ kwistjonijiet u ċioe mhux biss id-deċiżjoni li ħadet permezz tad-degriet tas-26 ta' April 2023 imma anke l-mod kif il-kawża ġiet assenjata liha.

Illi a skans ta' ekwivoċi jiġi rilevat ukoll dwar id-degriet tas-26 ta' April 2023 li, fil-waqt li inizjalment fil-proċeduri odjerni l-attur kien qed jallega li dak id-degriet fiħ innifsu, in kwantu (skont ma jallega) mhux biss ingħata fi spazju ta' tnax-il ġurnata *imma fih il-Qorti Kriminali injorat kompletament u naqset li tevalwa is-sottomissjonijiet tal-attur u anke immisinterpretat, immiskwotat u saħanistra attribwit lill-attu sottomissjonijiet imaġinarji u fittizji li huwa qatt m'għamel,* kien jilledi d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, issa li dik il-lanjanza ġiet ċeduta dan id-degiret jibqa relevanti biss in kwantu l-attur qed jgħid li l-mod kif ingħata huwa r-raġuni għalfejn qed tintalab ir-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima.

Ikkunsidrat

## RIKUŻA TA' IMĦALLEF FI PROĊEDURI KRIMINALI

Illiu m'għandux ikun hemm dubbju li proċeduri kriminali huma regolati minn, u għandhom isegwu l-proċedura stabbilita fit-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta (minn issa imsejjaħ "il-Kap 9") u mhux dik skont il-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili il-Kaptiolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa imsejjaħ "il-Kap 12") li, anke kif jindika ismu, jirregola l-proċedura f'kawżi ċivili.

Illi pero hemm xi dispożizzjonijiet partikolari fil-Kap 12 li jgħoddu ukoll għal proċeduri kriminali; dan skont l-artikoli 520 u 645 tal-Kap 9.

Illi fil-fatt l-artikolu 520 fis-subartikolu (1) jipprovdi li:

> *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, ħlief sa fejn hu provdut xort'oħra f'dan il-Kodiċi, jgħoddu mutatis mutandis għall-qrati tal-ġustizzja kriminali:*
>
> *(a) l-artikoli 8, 10 sa 12, 16 u 17, 23 sa 30, 57 sa 61, u 65 sa 76 li għandhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni tal-qrati;*
>
> *(b) l-artikoli 97 sa 106, 108 sa 110, 113 u 114, 119A u 123 li għandhom x'jaqsmu maż-żminijiet ġudizzjarji;*
>
> *(ċ) is-subartikoli (4), (5) u (6) tal-artikolu 143, u l-artikoli 175 u 205;*
>
> *(d) l-artikoli 558 sa 662 li għandhom x'jaqsmu ma' xiehda b'mod ġenerali; u*
>
> *(e) l-artikoli 627 sa 633, u l-artikoli 635 sa 637 li għandhomx'jaqsmu ma' provi permezz ta' dokumenti u l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' ħaddieħor.*

Illi l-artikolu 645 jipprovdi li:

> *Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi[31].*

Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huwa ċar li l-artikoli 738 u 740 tal-Kap 12, li jirregolaw min għandu jiddeċiedi l-eċċezzjoni tar-rikuża ta' ġudikant u li jistabilixxu li m'hemmx dritt t'appell minn deċiżjoni dwar eċċezzjoni bħal dik, ma jsibux applikazzjoni f'proċeduri penali.

Illi dan ma jfissirx li f'proċeduri penali l-eċċezzjoni tar-rikuża ma tistax tingħata; bil-kuntrarju, eċċezzjoni ta' rikuża tista tingħata f'proċeduri penali, bħal f'kull proċedura oħra, imma hija regolata bid-dispożizzjonijiet tal-Kap 9.

Illi fil-fatt huwa l-artikolu 446 li fil-Kap 9 jirregola meta u kif għandha tingħata l-eċċezzjoni tar-rikuża f'proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Kriminali. Dan l-artikolu (446) jipprovdi hekk:

[31] It-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kap 9 jirregola *l-"In genere", l-Aċċessi u r-"Reperti"*

*(1) Kull eċċezzjoni kontra l-imħallef għandha tingħata, u mill-qorti tinqata', qabel il-qari tal-att tal-akkuża meta l-akkużat jitqiegħed fl-isbarra, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari, jew, jekk l-ebda eċċezzjoni ma tkun ingħatat, fil-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża.*

*(2) L-imħallef ma jistax jiġi rikużat mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, lanqas jista' jastjeni ruħu, f'ebda kawża, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minħabba li r-reat ikun sarbi ħsara tiegħu, ta' żewġ jew mart l-imħallef, jew ta' xi ħadd li jiġiminnu mid-demm jew imħallat miegħu bi żwieġ fil-grad imsemmijin fil-paragrafi (a) u (b) ta' dak l-artikolu.*

*(3) L-imħallef li, qabel il-qari tal-att tal-akkuża, ikun jaf li hemm xi waħda mir-raġunijiet li għaliha jista' jiġi rikużat, jew li għaliha jista' jastjeni ruħu, għandu jiddikjara l-astensjoni tiegħu u jagħti r-raġuni tagħha.*

*(4) Din id-dikjarazzjoni tista' ssir bil-miktub qabel il-ġurnata tas-smigħ tal-kawża, u, f'dan il-każ, għandhom jiġu innotifikati biha l-Avukat Ġenerali u l-akkużat, u jitqies li l-astensjoni ġiet minnhom aċċettata, jekk, żmien jumejn minn dak in-nhar li jiġu innotifikati, ebda wieħed minnhom ma jiddikjara, bil-mezz ta' nota,li hu bi ħsiebu jopponiha.jew bil-fomm dak in-nhar tas-smigħ tal-kawża.*

*(5) Din id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-fomm dak in-nhar tas-smigħ tal-kawża; f'dan il-każ kull oppożizzjoni għandha ssir minnufih wara d-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija. Il-kwistjoni għandha tinqata' qabel il-qari tal-att tal-akkuża.*

*(6) Meta tingħata l-eċċezzjoni tar-rikuża jew issir l-oppożizzjoni għall-astensjoni, il-qorti tiddeċidi fuq il-kwistjoni qabel il-qari tal-att tal-akkuża. L-astensjoni jew ir-rikuża ma jistgħux isiru wara l-qari tal-att tal-akkuża.*

*(7) Wara li jinqara l-att tal-akkuża, l-imħallef ma jistax jiġi rikużat, u lanqas ma jista' jastjeni ruħu, ħlief meta r-raġuni tal-eċċezzjoni ta' rikuża jew astensjoni ssir magħrufa wara li jinqara l-imsemmi att tal-akkuża.*

*(8) … …*

Illi minn qari ta' din id-dispożizzjoni huwa ċar li bħala regola ġenerali l-eċċezzjoni tar-rikuża għandha tingħata u tiġi deċiża qabel il-qari tal-att tal-akkuża [subartikolu (1)]. Pero, jekk ir-raġuni tar-rikuża ssir magħrufa wara, allura l-eċċezzjoni tista' titqajjem wara l-qari tal-att tal-akkuża [subartikolu (7)] pero mhux wara l-qari tal-verdett [artikolu 449(3)] .

Illi bl-istess mod meta l-imħallef li jkun qed jippresjedi l-Qorti Kriminali jkun jaf li teżisti xi raġuni li għaliha jista' jiġi rikużat jew li għaliha għandu jastjeni, għandu jagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens qabel il-qari tal-akkuża u din il-kwistjoni għandha tiġi deċiża qabel il-qari tal-att tal-akkuża [subartikolu (3)]. Jekk ir-raguni għar-rikuża jew l-astensjoni ssir magħrufa lill-imħallef wara, allura d-dikjarazzjoni tista' ssir wara l-qari tal-akkuża [subartikolu (7)].

Illi minn din id-dispożizzjoni huwa ċar ukoll li huwa l-mħallef fil-konfront ta' min titqajjem l-eċċezzjoni tar-rikuża li għandu jiddeċiedi din l-eċċezzjoni.

Illi din id-deċiżjoni, bħal l-eċċezzjonijiet preliminiari l-oħra li jistgħu jitqajjmu quddiem il-Qorti Kriminali, tista' tiġi appellata. Dan jirriżulta ampjament minn ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mgħotija fil-15 ta' Novembru 2004 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah,** anke b'referenza għal dak li ntqal fis-sentenza mgħotija fil-23 ta' Jannar 2001 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinard Calleja[32]:**

> *Din il-Qorti tibda biex tgħid li għandha d-dubbji tagħha kemm seta' jsir appell mid-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru, 2004 li permezz tagħhha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tar-rikuża, u dan in vista ta' dak li jiddisponu s-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 499 tal-Kodiċi Kriminali b'referenza għall-Artikolu 449 tal-istess Kodiċi. Il-Qorti, pero`, tosserva li f'każż simili deċiż fit-23 ta' Jannar, 2001 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja din il-Qorti - allura diversament komposta - kienet irriteniet li għandha tmur mill-ewwel għall-qofol tal-vertenza mingħajr ma tidħol fi kwistjonijiet proċedurali, u dan prinċipalment in omaġġ għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. In fatti din il-Qorti f'dik id-deċċiżjoni kienet esprimiet ruħha fis-sens li aktar importanti minn jekk setax effettivament isir appell bil-mod kif sar u meta sar, "…hu ħafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deċiż jekk oġġettivament hemmx raġuni valida biex l-Onorevoli*

[32] Referenza għal dawn is-sentenzi saret ukoll mill-Qorti Kriminali fid-degriet tagħha tas-26 ta' Jannar 2024 mgħoti fil-prċeduri kontra l-attur odjern *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat*.

> *Imħallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu ġie assenjat il-każ preżenti, għandux jastjeni ruħu, indipendentement jekk din hix strettament eċċezzjoni ta' rikuża jew hekk hijiex talba speċjali u sui ġeneris biex huwa ma jibqax jieħu konjizzjoni tal-każ. Dan s'intendi fid-dawl ta' dak li tiddisponi l-liġi tagħna, kif ukoll ta' dak li minn żmien għal żmien ġie deċiż mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li għaliha jagħmel riferenza ampja l-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħhu...jekk din il-Qorti jirriżultalha li jeżistu raġunijiet suffiċjenti biex, fil-fehma tagħha, l-Onorevoli Imħallef DeGaetano ma jkomplix jippresjedi f'dan il-każ bħala l-Imħallef tal-Qorti Kriminali, allura din il-Qorti taħhseb li dan [l-]aspett għandu mbgħad jippermea u jikkondizzjona l-kumplament tas-sentenza billi llum ma jistax ikun hemm dubbju illi fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti kif ukoll Qrati oħra Maltin, għandhom iżommu quddiem għajnejhom u jagħtu każ ta' deċiżjonijiet rilevanti li jkunu ħarġu minn Strasbourg kif anke mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali...Ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol fil-kwistjonijiet legali xejn ċari dwar jekk f'każ bħal dan hux permissibbli appell bħalma fil-fatt sar...Huwa evidenti li d-disposizzjonijiet rilevanti mill-Kodiċi Kriminali kienu jeżistu qabel ma twieldet din il-Qorti u qabel ma ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-appelli quddiem din il-Qorti. Dan forsi jikkontribwixxi għal miżura qawwija ta' dubbju li għandha tmur favur il-legalita` ta' dan l-appell. Pero`, tenfasizza din il-Qorti, kollox jiddependi minn jekk oġġettivament hemmx valur fis-sottomissjoni ta' l-appellant illi l-Onorevoli Imħallef DeGaetano jmissu jaċċetta t-talba għar-rikuża tiegħu jew jastjeni milli jkompli jieħu konjizzjoni ta' dan il-każ..." Din il-Qorti hi tal-fehma li hekk ukoll għandha tagħmel f'dan il-każ, u ċioe` li tara jekk oġġettivament hemmx xi raġuni li tiġġustifika r-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Galea Debono.*

Illi fl-istess sens esprimiet ruħha l-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza ferm aktar reċenti mgħotija fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit.** F'dak il-każ l-akkużat kien qajjem quddiem il-Qorti Kriminali, mingħajr suċċess, l-eċċezzjoni tar-rikuża tal-imħallef u appella mid-deċizjoni relattiva. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kunsiderazzjonijiet tagħha, wara li għamlet referenza għall-bran appena ċitata, kompliet tgħid hekk:

> *15. Għalhekk anke f'din il-kawża, mhuwiex il-każ li din il-Qorti ma tikkunsidrax l-appell mid-digriet ta' l-ewwel Qorti li ma tilqax it-talba għal rikuża.*

Illi għandu jingħad ukoll l-attur innifsu jaqbel li jista' jsir appell minn deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża sollevata skond l-artikolu 446.

Ikkunsidrat

**DRITT GĦAL SMIGĦ XIERAQ U
L-ARTIKOLU 466 TAL-KAP 9**

Illi permezz tas-sitt talba tiegħu l-attur jgħid li talba għal rikuża m'għandhiex tiġi trattata u deċiża mill-ġudikant li tiegħu tkun qed tintalab ir-rikuża imma minn ġudikant ieħor; dan b'applikazzjoni tal-prinċipju *nemo iudex in causa propia*. Konsegwentement jilmenta li l-artikolu 466 tal-Kap 9, in kwantu jistabilixxi li talba għar-rikuża magħmula quddiem il-Qorti Kriminali għandha tiġi deċiża mill-ġudikant fil-konfront ta' min tkun saret it-talba, jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (minn issa imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (minn issa imsejħa "il-Konvenzjoni). L-attur jissottometti ukoll li għalkemm jaqbel li jista' jsir appell minn deċiżjoni mgħotija fuq l-eċċezzjoni ta' rikuża mqajjma skont l-artikolu 466 pero l-principju *nemo judex in causa propia*, u għalhekk id-dritt ta' smigħ xieraq, għandu jiġi mħares f'kull stadju tal-proċedura.

Illi in linea preliminiari l-konvenuti min-naħa l-oħra, filwaqt li jgħidu li din it-talba tal-attur hija intempestiva stante li f'allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq trid tittieħed in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-proċess sħiħ, jgħidu ukoll li l-attur m'eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji u l-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħa tagħha kostituzzjonali u konvenzjonali skond il-proviso tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta (minn issa imsejjaħ "il-Kap 319").

Ikkunisdrat

Illi jirriżulta indubbjament minn eżami tal-atti tal-proċeduri pendenti kontra l-attur, *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat*, li f'dawk il-proċeduri l-attur għamel talba għar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima, pero talab lill-Qorti biex ma tiddeċidiex dik it-talba. Għalhekk it-talba għar-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima mhux talli ma ġietx appellata imma lanqas hija deċiża mill-ewwel qorti.

Illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Kap 319 li huma relevanti ai fini tal-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti fir-rigward tat-talba issa in eżami jipprovdu hekk:

<u>L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni</u>

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

***Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.***

L-artikolu 4(2) tal-Kap 319

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

***Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.***[33]

Illi minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huwa ċar li din il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina jekk kienx hemm rimedji ordinarji adegwati għall-ksur allegat, u jekk fil-fehma tagħha dawn ir-rimedji kienu jeżistu allura għandha l-obbligu li tiddeklina milli teżerċita s-setgħa kostituzzjonali tagħha.

Illi f'sentenza mgħotija fil-kawża ***Ramon Fenech vs L-Avukat ta'Istat***[34] din il-Qorti kif diversament presjeduta għaddiet in rassenja l-ġurisprudenza l-aktar relevanti dwar l-proviso tal-artikoli fuq imsemmija u siltet diversi prinċipji relevanti in tema; ser issir referenza ampja għal dak li ntqal:

*23. Insibu fil-provisos għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-leġislatur*

[33] Is-sottolinear fiż-żewġ istanzi huwa ta' din il-Qorti.
[34] Deċiża fit-28 ta' Ottubru 2022 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2023.

*ħalla fl-għaqal tal-qorti mogħnija bis-setgħat kostituzzjonali, biex min-naħa l-waħda ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali jew konvenzjonali bla bżonn, u biex min-naħa l-oħra jiġi żgurat li f'każijiet li jixirqu li jiġu eżaminati taħt il-lenti kostituzzjonali jew konvenzjonali, dawn jiġu hekk eżaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma, jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Tassew il-provisos ta' dawn iż-żewġ artikoli mhumiex maħsuba biex il-qorti taħrab mir-responsabbilità li tqis ilmenti ta' bixra kostituzzjonali, iżda fuq ix-xaqliba l-oħra weħed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji xierqa u effettivi, il-qorti għandha l-għażla li tmil lejn iċ-ċaħda tal-eżerċizzju tas-setgħat tagħha taħt l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq imsemmija (ara Elvia Scerri et v. Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qort Kostituzzjonali fit-13 ta' April, 2018);*

*[... ...]*

*25. Ingħad li persuna ma tistax tippretendi li tirċievi rimedju minn qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali meta jirriżulta li hija stess tkun għażlet li ma tużax ir-rimedji ordinarji li kienet tagħtiha l-liġi ordinarja. Dan għaliex kif sew imtenni fis-sentenza, Nardu Balzan Imqareb v. Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fit-18 ta' Mejju, 2006,*

> *«Rikorsi Kostituzzjonali huma, min-natura tagħhom, speċjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tiġi użata u adottata qabel ma' l-Gvern, jew l-amministrazzjoni tagħha, jiġi akkużat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Ma jistax jingħad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin, meta liċ-ċittadin ikunu pprovduti u hemm disponibbli għalih rimedji għal-lanjanzi tiegħu.»*

*26. Kif qalet tajjeb il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza John Sammut v. Awtorità tal-Ippjanar et deċiża fis-27 ta' Frar, 2003, il-fatt li għemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx tabilfors li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kieku kien hekk, il-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jkunu superfluwi jew saħanistra bla sens (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et u tal-31 ta' Mejju, 2000 fl-ismijiet Teddy Rapa v. Chairman tal-Awtorità tal-Ippjanar et);*

*27. Dejjem fuq din l-istess linja ta' ħsieb, ġie miżmum ukoll fis-sentenza, Tat-Taljan Company Limited v. L-Awtorità tal-Ippjanar deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 li,*

> ***«sakemm tibqa' il-possibilità li leżjoni ta' xi dritt fundamentali seta' kien, jew għad jista' jiġi, rettifikat bil-proċeduri w mezzi ordinarji provduti mil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha. Fejn għad hemm disponibbli mezzi ordinarji, dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li r-rimedji ordinarji jiġu eżawriti definittivament jew meta ma jkunux disponibbli.»***[35]

*28. Anke f'sentenzi aktar riċenti l-qrati kostituzzjonali qagħdu lura milli jieħdu għarfien ta' ilmenti kostituzzjonali meta ntebħu li r-rikorrenti kienu naqsu kompletament milli jinqdew bir-rimedji li kienet tagħtihom il-liġi (ara Horace sive Grezzju Cassar v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Jannar, 2005, John Mary Chircop v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Lulju, 2007, Olaf Ċini v. Ir-Repubblika ta' Malta et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, Gafà Saveways Limited v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Ottubru, 2015 u JA&M Developments Limited v. L-Avukat Ġenerali et et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru, 2020) jew meta r-rikorrent jagħmel użu ħażin mill-jedd mogħti lilu bil-liġi ordinarja (ara b'eżempju A & J Hili ta' Miema Ltd. vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Frar, 2005);*

*29. Naturalment meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fundamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser. Fuq kollox, dan ir-rimedju jrid jkun wieħed aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (ara Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991 u Louise Xerri et v. Kummissarju tal-Artijiet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Mejju, 2016). M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed iżda li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi użat b'mod*

[35] L-enfasi huwa ta' din il-Qorti.

> *prattiku, effettiv u effikaċi (ara Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti Għall-Isport et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014);*
>
> *30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);*

Illi stabbiliti dawn il-prinċipji u b'applikazzjoni tagħhom għall-każ in eżami, dak li jrid jigi determinat huwa jekk l-attur kellhux disponibbli, fil-liġi ordinarja, rimedju xieraq, effettiv u adegwat li jista' jirrettifika l-leżjoni allegata.

Ikkunsidrat

Illi l-lanjanza tal-attur hija bażata fuq l-argument li huwa bi ksur tal-prinċipju *nemo iudex in causa propia* li ġudikant jiddeċiedi hu stess talba għar-rikuża tiegħu. Jgħid li, partikolarment f'dan il-każ fejn it-talba għar-rikuża hija bażata fuq deċiżjoni[36], fil-fehma tiegħu żbaljata, li ħadet il-Qorti, il-prinċipju *nemo iudex in cause propia* jesiġi li jkun ġudikant ieħor li jiddetermina dik it-talba. Huwa jinsisti li ġudikant ma jistax ikun imparżjali f'deċizjoni dwar ir-rikuża tiegħu stess. Pero l-attur, minkejja jirrikonoxxih, donnu qed jinsa li għandu l-fakolta li jappella minn deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tar-rikuża minnu sollevata.

Illi fil-fatt din l-eċċezzjoni, għalkemm *in primis* deċiża  mill-Qorti Kriminali kif presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Grima, tista tiġi sindakata u finalment deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali komposta minn tlett imħallfin. U anke kieku l-attur għandu raġun fl-asserzjoni tiegħu dwar l-imparzjalita ta' imħallef li jiddeċiedi dwar ir-rikuża tiegħu nnifsu, żġur li din l-asserzjoni ma jistax

[36] Id-degriet tas-26 t'April 2023.

jagħmilha fil-konfront tal-imħallfin sedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali li ma kellhom l-ebda parti fil-proċeduri sa dak l-istadju.

Illi dan ifisser li għal-lanjanza tiegħu dwar nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba ksur tal-prinċipju *nemo iudex in cause propia* fid-determinazzjoni tal-eċċezzjoni tiegħu dwar ir-rikuża tal-Onorevoli Imħallef Grima, hemm rimedju ordinarju fil-forma ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. U dan għaliex l-eċċezzjoni ser tiġi finalment deċiża minn Qorti, presjeduta minn tlett imħallfin, fil-konfront ta' minn ma saret l-ebda allegazzjoni ta' imparzjalita.

Illi għalhekk ir-rimedju li l-attur għandu a dispożizzjoni tiegħu fil-forma ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali għandu jitqies bħala wieħed effettiv u adegwat u li fit-termini tal-ġurisprudenza *jista' jiġi użat b'mod prattiku, effettiv u effikaċi*. Dan ir-rimedju, disponibbli għalih skond il-liġi ordinarja u li jista' effettivament jindirizza l-lanjanza tiegħu, l-attur ma utilizżahx; fil-verita lanqas biss stenna sakemm tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali.

Illi konsegwentement il-Qorti tqies li l-eċċezzjoni dwar rimedju ordinarju sollevata mill-konvenuti kollha hija ġustifikata b'mod li l-Qorti qed tirrifjuta li teżerċita s-setgħa Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħha fir-rigward tas-sittta talba tal-attur u anke fir-rigward tal-ewwel talba in kwantu din tista' tirreferi għal-lanjanza dwar l-artikolu 446 tal-Kap 9.

Ikkunsidrat

## **DRITT GĦAL SMIGĦ XIERAQ U L-ARTIKOLI 738 U 740 TAL-KAP 12**

Illi l-attur jilmenta ukoll dwar l-artikoli 738 u 740 tal-Kap 12, in kwantu jistabilixxu li talba għar-rikuża għandha tiġi deċiża mill-ġudikant li dwaru tkun saret it-talba u in kwantu jistabilixxu li mid-deċiżjoni relattiva m'hemmx dritt t'appell. Huwa jallega li anke dawn id-dispożizzjonijiet jiksru d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Illi jkun opportun li jiġi mfakkar fl-ewwel lok li dan l-ilment tal-attur qed isir fil-kuntest tal-proċeduri penali fil-konfront tiegħu, *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Musact*, u li huma pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, u fit-tieni lok li r-rikuża tal-ġudikant fi proċeduri penali, u b'mod partikolari tal-imħallef li jippresjedi l-Qort Kriminali, hija regolata bl-artikolu 446 tal-Kap 9 u mhux bl-artikoli 738 u 740 tal-Kap 12.

Illi l-konvenuti fil-fatt jissottomettu li l-attur m'għandux l-interess ġuridiku jew *victim status* biex iresssaq ilment bażat fuq dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12.

Illi l-konvenuti għandhom raġun f'dan.

Illi huwa ben stabbilit li biex persuna tagħmel kawża dwar ksur ta' drittijiet fundamentali huwa neċessarju li jintwera li dik il-persuna għandha l-interess ġiuridiku meħtieġ biex tagħmel hekk, dak li fl-artikolu 34 tal-Konvenzjoni huwa msejjaħ *victim status*. Il-Qorti Kostituzzjonali pronunzjat ruħha diversi drabi dwar dan. Fis-sentenza mgħotija fil-kawża ***Avukat Dottor Anna Mallia vs Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et***[37] intqal hekk:

> *33. ... ... l-istat ta' "vittma" li persuna trid turi biex tista' tressaq u tiftaħ kawża dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali huwa usa' mill-interess ġuridiku magħruf u mħaddem sa minn bosta snin ilu biex tintwera l-leġittimazzjoni attiva f'azzjoni ċivili. B'mod partikolari, dan iseħħ minħabba li l-istat ta' "vittma" mhux marbut mal-element tradizzjonali tal-attwalità tal-interess f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd fundamentali – għaliex il Kostituzzjoni tagħraf jedd ta' azzjoni wkoll favur persuna li xi jedd fundamentali tagħha "tkun ser tiġi miksura dwarha". Minkejja dan, mill-kliem tal-Kostituzzjoni nnifisha joħroġ ċar li l-persuna li tressaq azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali hija mogħtija li tagħmel dan għaliex il-ksur ikun jolqot lilha jew x'aktarx ("likely") jolqot lilha, u għalhekk mhux mogħti li azzjoni titressaq validament fejn il-ksur ma jolqotx lill-persuna li tkun jew fejn għandha mnejn li xi darba tintlaqat;*
>
> *34. Fil-qafas tal-Konvenjoni, imbagħad, ingħad li "the notion of 'victim' within the meaning of article 34 has an autonomous and independent meaning that does not depend upon concepts of national law such as the legal interest and the locus standi or standing. .. .. According to the established case law of the Court, the existence of a violation of the Convention is sufficient for the applicant to be a victim without the need to demonstrate a prejudice"*[38]*;*
>
> *35. Il-Qorti jidhrilha li, biex tkun f'qagħda li tqis sewwa l-aggravji tal-intimati u l-argumenti tal-attriċi appellata dwar din il-parti tas-sentenza preliminari, ikun xieraq li tislet dan li ġej minn dokument li jfisser b'reqqa l-kunċett ta' "vittma" għall-għanijiet tal-Konvenzjoni u l-limiti aċċettati ta' dak l-istat*[39]*. "24.* ***The Court has consistently held***

[37] Deċiża 26 ta' Jannar 2024.
[38] William A Schabas The European Convention on Human Rights – A Commentary (O.U.P. 2017), pġ. 738
[39] Practical Guide on Admissibility Criteria mitbugħ mir-Reġistru tal-Q.E.D.B. (Awwissu 2023)

***that the Convention does not provide for the institution of an actio popularis and that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to or affected the applicant gave rise to a violation of the Convention*** *(for example, Roman Zakharov v. Russia [GC], 2015, § 164). .. 25. The word "victim", in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (Vallianatos and Others v. Greece [GC], 2013, § 47). The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, 2004, § 35), even though the Court should have regard to the fact that an applicant was a party to the domestic proceedings (Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 52; Micallef v. Malta [GC], 2009, § 48; Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey, 2018, §§ 109-117). It does not imply the existence of prejudice (Brumărescu v. Romania [GC], 1999, § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (Monnat v. Switzerland, 2006, § 33). 26. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33; Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, 2004, § 38; Stukus and Others v. Poland, 2008, § 35; Ziętal v. Poland, 2009, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (Siliadin v. France, 2005, § 63; Hirsi Jamaa and Others v. Italy [GC], 2012, § 111). The Court can examine the question of victim status and locus standi ex officio, since it concerns a matter which goes to the Court's jurisdiction (Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], 2016, § 70; Satakunnan Paġna 34 minn 44 Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], 2017, § 93; Unifaun Theatre Productions Limited and Others v. Malta, 2018, §§ 63-66; Jakovljević v. Serbia (dec.), 2020, § 29). 27. The distribution of the burden of proof is intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake (N.D. and N.T. v. Spain [GC], 2020, §§ 83-88). .. .. 28.* ***In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an applicant must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of*** *(Tănase v. Moldova [GC], 2010, § 104; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 33; Lambert and Others v. France [GC], 2015, § 89). This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion*

> *(Hristozov and Others v. Bulgaria, 2012, § 73), although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (Micallef v. Malta [GC], 2009, § 45; Karner v. Austria, 2003, § 25; Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 51). For instance, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party (Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy [GC], 2012, § 92). .. ..";*
>
> *[...]*
>
> *37. Ta' siwi ewlieni għall-għanijiet tal-aggravju fejn jirrigwarda l-istat ta' "vittmi potenzjali", l-imsemmi dokument għandu dan x'jgħid: "46. Article 34 of the Convention does not allow complaints in abstracto alleging a violation of the Convention (Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania [GC], 2014, § 101 and the references cited therein). In certain specific situations, however, the Court has accepted that an applicant may be a potential victim. .. .. 47. In order to be able to claim to be a victim in such a situation, an applicant must produce reasonable and convincing evidence of the likelihood that a violation affecting him or her personally will occur; mere suspicion or conjecture is insufficient (Senator Lines GmbH v. fifteen member States of the European Union (dec.) [GC], 2004; Shortall and Others v. Ireland (dec.), 2021). .. .. 49. The Court has also underlined that* ***the Convention does not envisage the bringing of an actio popularis for the interpretation of the rights it contains or permit individuals to complain about a provision of a domestic law simply because they consider, without having been directly affected by it, that it may contravene the Convention*** *(Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 50; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 33; Dimitras and Others v. Greece (dec.), 2017, §§ 28-32; Cordella and Others v. Italy, 2019, § 100; Kalfagiannis and Pospert v. Greece (dec.), 2020, § 46). .. ..*[40]

Illi minn dan huwa ċar li biex l-attur ikun jista' jressaq din il-lanjanza tiegħu dwar l-artikoli 738 u 740 tal-Kap 12 jeħtieġ li juri li dawn id-dispożizzjonijiet jolqtu lilu, jew x'aktarx ser jolqtuh. Dan mhux *in abstracto* imma meta applikati fil-kuntest tal-proċeduri penali li hemm pendenti kontra tiegħu. Din il-provi l-attur mhux talli m'għamilhiex imma lanqas jista jagħmilha.

Illi kif intqal il-proċeduri li hemm pendenti kontra l-attur, u fil-kors ta' liema seħħew fatti li wasslu għall-lanjanzi tal-attur, inkluż dik dwar rikuża, huma proċeduri penali regolati bil-Kap 9 u mhux bil-Kap 12. Għalhekk biex l-attur

[40] L-enfasi f'dan il-bran huwa kollu ta' din l-Qorti.

iressaq talba għal rikuża tal-imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali fil-proċeduri *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat* għandu jagħmel dan skont l-artikolu 446 tal-Kap 9 u mhux skont l-artikoli 738 u 740 tal-Kap 12. B'hekk jiġi li l-attur la ntlaqgħat u lanqas x'aktarx li jintlaqgħat, la direttament u lanqas indirettament, bl-allegat ksur u kull kunsiderazzjoni fir-rigward tkun purament akkademika.

Illi għalhekk t-talba tal-attur fir-rigward qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

**<u>L-ARTIKOLU 36 TAL-KOSTITUZZJONI U<br>L-ARTIKOLU 3 TAL-KONVENZJONI</u>**

Illi permezz tat-tieni talba l-attur jallega ksur tad-dritt protett bl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

Illi f'termini kawżi identiċi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> *Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.*

Illi l-attur fl-ebda ħin tul il-proċeduri ma ta xi ħjiel kwalunkwe ta' kif l-lanjanzi minnu miżmuma fermi, u ċioe il-mod kif jiġu deċiżi talbiet għal rikuża ta' ġudikant taħt l-artikoli 738(1) u 740 tal-Kap 12 u taħt l-artikolu 446 tal-Kap 9, jistgħu jinċidu fuq id-dritt fundamentali tiegħu protett bl-artikoli fuq indikati.

Illi fil-fatt kif ġustament jissottomettu l-konvenuti l-allegazzjoni issa in eżami tal-attur hija indubbjament bla ebda bażi fattwali u/jew legali. Ma tressqet l-ebda prova li anke remotament tindika li l-attur ġie assoggetta għal xi tortura, jew għall xi piena jew trattament inuman jew degradanti b'mod ġenerali u żgur mhux bħala riżultat tal-mod kif jiġi rikużat ġudikant fil-Qorti Kriminali.

Illi fil-verita minn qari tar-rikors promotur, partikolarment fil-verżjoni originali tiegħu, jidher li l-allegazzjoni tal-attur dwar il-ksur ta' dawn l-artikoli kienet marbuta mal-lanjanza dwar il-mod kif il-Qorti Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' April 2023 u b'mod partikolari mal-fatt li, skont l-attur, il-Qorti

fid-deċiżjoni tagħha m'aċċettatx l-argumenti mressqa minnu u attribwietlu sottomissjonijiet li hu qatt m'għamel[41].

Illi meta waqt l-udjenza miżmuma fit-28 ta' Ottubru 2024 l-attur iddikjara li *filwaqt li qed iżomm ferm it-talbiet tiegħu in kwantu jirreferu għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali naxxenti mill-fatt illi l-liġi ma tagħti l-ebda rimedju effettiv u spediet minn deċizjoni ta' ċaħda ta' rikuża ta' ġudikant kif speċifikat fl-aħħar premessa tar-rikors promotur, qed iċedi l-bqija tal-lanjanzi,* ma ċediex ukoll it-tieni talba issa in eżami li pero kif intqal m'għandha l-ebda bażi fattwali u/jew legali.

Illi għalhekk din il-ħames talba tal-attur qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat

Illi la darba l-Qorti ma sabitx li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur, anke t-tielet u r-raba talba tal-attur, permezz ta' liema qed jitlob rimedji u kumpens, għandhom jiġu miċħuda.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi:

- **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-lanjanzi kollha tal-attur ħlif dawk naxxenti mill-aħħar żewġ premessi fir-rikors promotur stante li dawn ġew ċeduti;
- **Tilqa'** it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra[42] dwar rimedju ordinarju u konsegwentement u ai termini tal-proviso ta'l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta tagħżel li tirrifjuta li teżercita s-setgħa tagħha Kostituzzjonali u Konvenzjonali biex tqis fil-mertu l-ilment tal-atturi dedott fis-sitt talba u fl-ewwel talba in kwantu din tista' tirreferi għall-lanjanza dwar l-artikolu 446 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom; u

Fil-waqt li tilqa l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti safejn huma kompatibbli mal-kunsiderazzjonijiet supra,

[41] Skont l-attur: *hawnhekk il-Qorti mhux biss hija kompletament skorretta iżda stante li dak dikjarat mill-Qorti huwa kompletament fittizju u mmaġinarju stante li d-difiża tal-esponent QATT fis-sottomissjonijiet tagħha ma ddikjarat li Darren Debono kien ġie mixli bi spergur u dan juri wkoll kif dawn is-sottomissjonijiet ivvintati mil-Qorti* ***mhux biss jiksru id-dritt fundamentali tal-akkużat għal smigħ xieraq jekk mhux ukoll jissoġġettawh għal trattament inuman u degredanti*** *billi l-Qorti mhux talli lanqas biss ikkalkulatu talli saħansitra deherilha li kellha xi dritt tatribwilu sottomissjonijiet li hu qatt m' għamel.*

[42] Eċċeżżjonijiet sollevati fl-ewwel risposta tagħhom.

- **Tiċħad** l-ewwel talba in kwantu tista' tirreferi għall-lanjanza tal-attur dwar l-artikoli 738 u 740 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
- **Tiċħad** it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-ħames talbiet tal-attur; u
- **Tordna** li l-ispejjez kollha relatati ma' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-attur.

In konkluzzjoni, u wara li rat li l-Qorti Kriminali kienet ordnat is-soprsesssjoni tal-proċeduri fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Vincent Muscat* (Att tal-Akkuża numru 36/2013/3) pendenti d-determinazzjoni tal-lanjanzi kostituzzjonali tal-akkużat f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tordna lir-Reġistratur ta' din il-Qorti sabiex, malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, iġibha a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**